MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-11 ta' April, 2014

Talba Numru. 421/2013

**Mobisle Communications Limited C24655**

**vs.**

**Chris Farrugia K.I. 163281(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-16 ta’ Lulju 2013, illi permezz tiegħu, is-soċjeta attriċi talbet mingħand il-konvenut, il-ħlas tas-somma ta’ elfejn, tmien mija u sebgħin ewro u tnax–il ċenteżmu (€2,870.12c), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C51114349 u A/C51115380* mogħtija mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' elfejn, tmien mija u sebgħin ewro u tnax–il ċenteżmu (€2,870.12c), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ewwel ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi preżentata fit-13 ta' Marzu 2012 u numerata 704/12 , sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata, u tal-ittra uffiċjali oħra fl-ismijiet premessi ppreżentata fis-17 ta' April 2012 u nnumerata 893/12, huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------